MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-12 ta' Lulju, 2006

Citazzjoni Numru. 218/2005

**A**

**-vs-**

**B**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fl-4 ta' Lulju, 2005 li permezz taghha l-attrici ppremettiet:

Illi l-kontendenti zzewgu fid-29 ta' Awissu tas-sena 1997 fil-Knisja Parrokkjali ta' Bormla, kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg hawn anness u markat Dok A, u mil-liema zwieg taghhom twieldet tifla ghadha minuri bl-isem ta' Z ta' tliet

(3) snin li twieldet fis-7 ta' Novembru tas-sena 2001 u dan kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid ta' l-istess minuri hawn anness u markat Dok B.

Illi l-hajja konjugali bejn il-kontendenti saret impossibbli minhabba adulterju, servizzi, eccessi, abbandun, minacci u ingurji gravi, kommessi mill-konvenut kontra l-attrici, u minhabba li z-zwieg tkisser irrevokabbilment, kif se jirrizulta fil-kors tal-kawza.

Illi in oltre l-hajja konjugali bejn il-partijiet saret impossibbli minhabba inkompatibilita' ta' karattru;

Illi l-attrici ottjeniet minn din l-Onorabbli Qorti digriet sabiex tipprocedi b'din il-kawza (Digriet numru 1069/04) moghti fid-29 ta' Ottubru 2004 hawn anness u markat Dok C.

Ghalhekk jitlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex;

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti konjugi Bonnici minhabba adulterju, eccessi, servizzi, abbandun, minacci u ingurji gravi li l-imsemmi konvenut ikkommetta kontra martu l-attrici u/jew minhabba li z-zwieg tkisser irrevokabbilment;

2. Tordna lill-istess konvenut ihallas lill-attrici personalment u lil binthom minuri Z manteniment li joghgobha tiffissa din il-Qorti skond il-bzonnijiet ta' l-imsemmija attrici u l-minuri u l-mezzi tal-konvenut, bil-modalita' ta' hin, lok u gurnata ta' pagament li tigi wkoll stabbilita inkluz provvediment ghaz-zjieda perjodika sabiex taghmel tajjeb ghall-awment fl-gholi tal-hajja u ghat-tnaqqis dirett mis-salarju tal-konvenut.

3. Tapplika kontra l-konvenut l-effetti tad-dispozizzjonijiet ta' l-Artikoli 48, 50 u 51 tal-Kodici Civili tal-Ligijiet ta' Malta fis-shih jew parzjalment b'dan illi jekk ikun il-kaz, il-konvenut jitlef kull jedd li ghandu ghan-nofs l-akkwisti illi waqt iz-zwieg ikunu saru l-aktar bil-hila ta' l-

attrici u dan minn data li tigi stabbilita minn din il-Qorti bhala d-data meta l-konvenut ta lok li ssir din is-separazzjoni;

4. Ixxolji u tillikwida l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti okkorrendo b'opera ta' perit nominand.

5. Tillikwida l-istess komunjoni u taqsamha f'zewg porzjonijiet mhux necessarjament ugwali;

6. Tikkundanna lill-konvenut sabiex jikkonsenja lill-attrici fi zmien qasir u perentorju li jigi lilu prefiss il-beni kollha dotali u parafernali taghha inkluz flus u deheb u fin-nuqqas tikkundannah ihallas lill-attrici l-valur taghhom kif jigi likwidat okkorrendo permezz ta' perit nominand.

7. Tordna illi d-dar konjugali, tkun ir-residenza esklussiva ta' l-attrici u ta' bintha Z.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li minn issa huwa ingunt in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attrici mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat illi l-konvenut ghalkemm notifikat bic-citazzjoni naqas li jippresenta nota tal-eccezjonijiet u ghalhekk huwa kontumacji skond il-ligi.

Rat l-atti processwali.

Semghet lill-attrici u lix-xhieda l-ohra.

Rat il-verbal tas-seduta tas-7 ta' Lulju, 2006 illi permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-attrici qed titlob li din il-Qorti tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minhabba

tortijiet imputabbli lill-konvenut. Il-konvenut ma rrispondiex ghac-citazzjoni u lanqas qatt ma ppresenta ruhu l-Qorti biex iressaq provi.

Madankollu l-Qorti xorta thoss li kien bizzejjed tisma’ lill-attrici biex tasal ghall-konkluzjoni li t-talbiet taghha ghandhom jintlaqghu. L-attrici sofriet hafna bl-attegjament tal-konvenut u l-Qorti tissimpatizza maghha ghal mod kif giet trattata u kif qed taghmel kull sforz biex lil bintha trabbiha minghajr nuqqasijiet.

Il-problema li ghandha l-Qorti hija n-nuqqas ta’ provi dwar il-qligh tal-konvenut ghaliex ghalkemm l-attrici taf li hu jahdem ma tafx x’paga jew dhul ghandu. Ghalhekk kull ammont pagabbli bhala manteniment necessarjament ikun approssimattiv ghalkemm mill-provi jirrizulta li jmexxi *bar* f’kumpless ta’ *club* tal-bocci u ghalhekk certament ghandu dhul sufficjenti biex imantni lill-attrici u lil binthom minuri.

L-attrici esebiet waqt li xehdet fis-seduta tad-9 ta’ Gunju, 2006, prospett dwar l-assi u debiti tal-komunjoni tal-akkwisti u ghalhekk il-Qorti hija f’posizzjoni li taqsam dawn l-assi (fol 102).

Ghar-rigward tal-manteniment il-Qorti thoss li l-konvenut ma hux affidabbli biex dan l-obbligu tieghu jzommu u ghalhekk ikun ahjar li takkorda lill-attrici somma shiha biex jaghmel tajjeb ghall-manteniment futur li zgur il-konvenut ma kienx se jhallas jekk ma jsirx hekk. Id-dar konjugali giet stmata li tiswa’ mija u ghoxrin elf Lira Maltin (Lm120,000) u ghalhekk din is-somma ghandha tigi prelevata mill-attrici malli jsir il-bejgh tad-

dar. A bazi ta’ mitt Lira Maltin (Lm100) fix-xahar ghall-attrici u sittin Lira Maltin (Lm60) fix-xahar ghall-minuri l-Qorti waslet ghal somma ta’ cirka tnejn u erbghin elf Lira Maltin (Lm42,000) izda billi l-attrici se tiehu s-somma malli tinbigh id-dar u allura mall-ewwel se jigi applikat il-

principju tat-tnaqqis ghal somma shiha u l-ammont pagabbli jsir tletin elf Lira Maltin (Lm30,000) – biex jigu simplifikati l-affarijiet il-Qorti se takkorda lill-attrici l-beni kollha mobbli u ghalhekk is-somma pagabbli se ssir tmienja u ghoxrin elf Lira Maltin (Lm28,000).

**Ghaldaqstant il-Qorti tilqa' t-talbiet kollha attrici u ghalhekk;**

**1. tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet ghar-ragunijiet indikati fic-citazzjoni;**

**2. taffida l-kura u kustodja tal-minuri Z lill-attrici;**

**3. tordna lill-konvenut ihallas bhala manteniment is-somma ta' tmienja u ghoxrin elf Lira Maltin (Lm28,000) ghal darba wahda (hamsa u ghoxrin elf Lira Maltin {Lm25,000} ghall-attrici u tlett elef Lira Maltin {Lm3,000} ghall-minuri;**

**4. tiddikjara xjolta l-komunjoni tal-akkwisti, u tassenja lill-attrici l-vettura numru XXX- 000 u YYY-000 u lill-konvenut il-vettura numru WWW-000 u ZZZ-000 – il-partijiet li lilhom gew assenjati l-vetturi ghandhom jibqghu jhallsu huma l-bilanc relattiv; lill-attrici l-beni kollha mobbli li jinsabu llum fid-dar konjugali; il-kontijiet bankarji ma' l-HSBC Bank ghandhom jinqasmu f'ishma indaqs bejn il-partijiet.**

**5. tordna l-bejgh tal-proprjeta' u ghall-fini ta' l-istima din ghandha tkun dik indikata mill-Perit Savour Borg fir-relazzjoni tieghu fil-process u cioe' mija u ghoxrin elf Lira Maltin (Lm120,000) – wara li jithallas il-bank kreditur l-attrici jkollha d-dritt li tippreleva s-somma ta' tmienja u ghoxrin elf Lira Maltin (Lm28,000) minn sehem il-konvenut u l-kumplament tar-rikavat jinqasam bejn il-partijiet;**

**6. tordna lill-konvenut jirritorna d-deheb dotali u parafernali ta' l-attrici fi zmien xahar;**

**7. tilqa' s-seba' talba sakemm id-dar tinbigh.**

**L-ispejjes jithallsu mill-konvenut.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------